

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi li huma, essenzjalment, identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-555/22, *Franza vs Il-Kummissjoni*.

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2022 – PB vs SRB****(Kawża T-789/22)**

(2023/C 45/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

*Rikorrent:* PB (rappreżentant: N. de Montigny, avukata)

*Konvenut:* Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-15 ta' Frar 2022;
- tannulla, sa fejn meħtieġ, id-deċiżjoni tas-6 ta' Settembru 2022 li tiċħad l-ilment tiegħu;
- tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkompensa lir-rikorrent fl-ammont ta' EUR 50 000 bħala dannu kkawżat mill-ksur tad-dritt għal smiġħ tiegħu u tad-drittijiet tad-difiża tiegħu;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors kontra d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) li t-talba għal assistenza tiegħu tiġi miċħuda, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent u ta' difetti proċedurali. Fil-kuntest tal-ewwel parti, ir-rikorrent jiddennunzja l-ksur tal-prinċipju ta' trasparenza, l-impossibbiltà li wieħed jemmen fl-indipendenza tal-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ (iktar 'il quddiem l-"ASTK") kif ukoll ir-rifjut ta' aċċess għall-informazzjoni u l-provi essenzjali tal-proċess. Fil-kuntest tat-tieni parti, ir-rikorrent jiddennunzja l-ksur tal-prinċipju ta' kunfidenzjalità fit-trattament tat-talba għal assistenza tiegħu, l-assenza ta' osservanza tal-garanziji proċedurali, l-assenza ta' implimentazzjoni ta' proċedura ġusta u oġġettiva, u fl-aħħar l-ksur tal-Artikoli 4.2 u 4.3 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' eżekuzzjoni dwar il-prevenzjoni tal-fastidju. Fil-kuntest tat-tielet parti, ir-rikorrent jiddennunzja l-assenza ta' imparzjalità oġġettiva u suġġettiva kif ukoll il-preżenza ta' kunflitti ta' interess li vvizzjaw l-eżami tat-talba għal assistenza tiegħu. Fil-kuntest tar-raba' parti, ir-rikorrent jiddennunzja l-ksur tad-dritt li jinstema' b'mod effettiv mill-ASTK.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), il-ksur tad-dmir ta' assistenza u ta' premura kif ukoll fuq amministrazzjoni ħażina.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u fuq ksur tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal.